# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. NOEL CUSCHIERI LL.D.**

**ONOR. ANTHONY ELLUL LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru, 2016**

**Kawża Numru 1**

**Rikors Numru 18/10**

**VALLETTA FREIGHT SERVICES LTD.** (C – 3478)

vs

**DIRETTUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI** u Tarros S.p.A. għal kull interess li jista' jkollha; u b'degriet tas-16 ta' Frar 2011, ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta' Frar, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi appellanti [aktar 'il quddiem imsejħa "VFS"] talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza tagħha tat-3 ta' Novembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq imsemmija għall-finijiet tal-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u terġa' tisma' mill-ġdid l-

appell imressaq minnha mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Novembru, 2013 [aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza appellata"] li permezz tagħha dik il-qorti qatgħetha li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"] fir-rigward ta' l-ilment li l-istess kumpannija rikorrenti qajmet dwar ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq fil-kawża fl-ismijiet "*Dottor Renato Cefai għan-nom u in rappreżentanza bħala prokuratur speċjali ta' Tarros International s.p.a. illum magħrufa Tarros s.p.a. vs Valletta Freight Services Limited*"[1];

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-imsejjaħ fil-kawża Avukat Ġenerali fit-28 ta' Marzu, 2016, li biha laqa' għat-talba ta' VFS billi, b'mod preliminari, qal li safejn l-azzjoni ta' VFS hija maħsuba biex titlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali, din l-azzjoni ma tiswiex għaliex dik il-proċedura hija mogħtija biss fil-każijiet speċifikatament maħsuba fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 u mhux ukoll għall-kawżi kostituzzjonali. Fil-mertu laqa' billi ċaħad li jeżistu r-raġunijiet biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2015, titħassar u l-appell ikun trattat mill-ġdid;

3. Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija appellata Tarros S.p.A. [minn issa 'l hemm imsejħa "Tarros"] fit-13 ta' April, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba ta' VFS billi, b'mod preliminari, qalet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni mhuwiex mogħti minn sentenzi ta' din il-Qorti. Fil-metu, laqgħet billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandha ssir ir-ritrattazzjoni billi ma hemm l-ebda żball ta' fatt fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2015, u jekk kien hemm żball fis-sentenza appellata dan ma jagħtix lok għar-ritrattazzjoni mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti li ma tenniet l-iżball magħmul fis-sentenza appellata;

4. Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali fis-16 ta' Mejju, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għat-talba ta' VFS billi, b'mod preliminari, qajjem l-eċċezzjoni li r-ritrattazzjoni mhijiex mogħtija minn sentenzi mogħtijin minn din il-Qorti. Fil-mertu, laqa' billi saħaq li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2015, ma hija milquta mill-ebda żball li jidher mill-atti għall-finijiet tal-artikolu 811(l) tal-Kap 12;

5. Rat il-verbal tas-smigħ tal-31 ta' Mejju, 2016[2], fejn id-difensuri ta' VFS qajmu l-kwestjoni tar-rikuża tal-imħallfin li qegħdin jisimgħu din il-kawża;

[1] Ċitazz. Nru. 1321/96GCD (maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-3.12.2010)
[2] Paġ. 246 – 7 tal-atti tal-appell

6. Rat ir-rikors imressaq minn VFS fl-10 ta' Ġunju, 2016[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet formalment ir-rikuża tal-imħallfin li jagħmlu din il-Qorti għall-finijiet tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Rat it-Tweġibiet imressqa kemm mill-imsejjaħ fil-kawża appellat Avukat Ġenerali u kif ukoll mill-appellata Tarros fl-20 ta' Ġunju, 2016, li biha opponew għat-talba ta' VFS għar-rikuża tal-imħallfin li jagħmlu din il-Qorti;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari tas-siwi tal-proċedura u kif ukoll dik dwar it-talba tar-rikuża waqt is-smigħ tas-26 ta' Ġunju, 2016;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi qabel ma tqis it-talba ta' VFS dwar l-eċċezzjoni tar-rikuża, din il-Qorti jidhrilha li jixraq li l-ewwel tqis il-kwestjoni tas-**siwi tal-proċedura tar-ritrattazzjoni** minn sentenzi mogħtijin minn din il-Qorti. Dan jingħad għaliex, jekk kemm-il darba din il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari mqajma mir-ritrattati appellati u mill-imsejjaħ fil-kawża hija tajba, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa biex tqis ukoll jekk għandhiex tilqa' t-talba għar-rikuża;

10. Illi din il-Qorti ttenni li l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa wieħed li jagħti rimedju mhux ordinarju proċedurali għat-tħassir ta' sentenza li tkun saret ġudikat u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża li biha dik is-sentenza tkun għalqet il-kwestjoni. Minħabba dik in-natura proċedurali, dejjem tqies li r-rimedju jingħata biss u limitatament għall-każijiet li ssemmi l-liġi;

11. Illi jidher li din il-limitazzjoni tgħodd mhux biss għaċ-ċirkostanzi tassativi li għalihom jaħseb l-artikolu 811 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda wkoll għall-għamla ta' sentenza li tkun u minn liema Qorti tkun ingħatat;

12. Illi din il-Qorti fl-aħħar żminijiet kellha l-opportunita' tqis il-kwestjoni aktar minn darba, u waslet għall-fehma li r-rimedju tar-ritrattazzjoni ma jingħatax minn sentenzi mogħtijin minn din il-Qorti għaliex dan jidher li tħalla barra mil-Leġislatur meta bis-saħħa tal-Att VII tal-2007 wessa' r-rimedju tar-ritrattazzjoni wkoll f'kawżi fejn jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ta' min jirrileva li dawk il-bidliet fil-liġi ġew wara żmien fejn din il-Qorti

[3] Paġġ. 248 – 9 tal-atti tal-appell

kienet stabbiliet li ma jingħatax ir-rimedju tar-ritrattazzjoni f'każijiet dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali kif imħarsin kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni[4];

13. Illi kif qalet din il-Qorti f'sentenzi tagħha dwar din il-kwestjoni f'dawn l-aħħar żminijiet[5], l-għażla tal-Leġislatur li ma jestendix ir-rimedju tar-ritrattazzjoni għal sentenzi mogħtijin minn din il-Qorti kienet waħda maħsuba u, aktar minn hekk, waħda li tħares dak li tistabilixxi l-Kostituzzjoni dwar is-setgħat mogħtijin minnha lil din il-Qorti;

14. Illi wieħed jista' jargumenta li l-jedd tar-ritrattazzjoni huwa impliċitu f'dispożizzjonijiet oħrajn tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili[6], iżda dan l-argument ma jwassalx lil din il-Qorti biex titbiegħed minn dak li ngħad qabel. Wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh ukoll li r-rimedju tar-ritrattazzjoni ngħata biex jissewwa nuqqas proċedurali fejn ma jkun hemm l-ebda rimedju ulterjuri ieħor. Dan mhuwiex il-każ fi kwestjonijiet ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni, ladarba huwa stabibilit li t-teħid u l-eżawriment tal-proċeduri fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati f'Malta jagħtu lil kull persuna li hekk tilmenta li tmexxi 'l quddiem il-proċeduri ulterjuri xierqa quddiem il-Qorti Ewropea għd-Drittijiet tal-Bniedem, jekk kemm-il darba jidhrilha li hekk għandha tagħmel;

15. Illi, min-naħa l-oħra, waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, l-kumpannija ritrattanda ma żiedet l-ebda argument ġdid li jwassal lil din il-Qorti tagħti fehma oħra dwar din il-kwestjoni jew li ssib li hemm xi raġuni tajba sabiex tħaddem ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ imqajjem minnha;

16. Illi għalhekk, din il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-intimati u mill-imsejjaħ fil-kawża ritrattati hija tajba u sejra tilqagħha;

17. Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma dwar l-eċċezzjoni preliminari, ma hemm l-ebda bżonn li tagħti provvediment ukoll dwar il-kwestjoni tar-rikuża mqajma mill-kumpannija ritrattanda;

18. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi ssib li l-proċedura tar-ritrattazzjoni mhix maħsuba u ma tistax tiġi adoperata f'każijiet bħal dak li għandha quddiemha llum u għaldaqstant issib li r-rikors għar-ritrattazzjoni mressaq mill-kumpannija attriċi ritrattanda huwa irritu u bla siwi u

[4] Ara, fost l-oħrajn, Kost. **24.1.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Supt. Joseph Psaila) vs Ellul Sullivan et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.17**)
[5] Kost. **13.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Joseph Barbara et vs L-Onor. Prim Ministru et*** u Kost. **3.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali et***
[6] Ara, b'eżempju, l-art. 223(4) tal-Kap 12

mhix sejra tieħu konjizzjoni tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija ritrattanda.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef | Noel Cuschieri | Anthony Ellul |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |